# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-30 ta' Novembru, 2016.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Rikors Numru 4/2015 SM**

**Perit Lawrence Montebello**
**(I.D. Numru 300845 M)**

**vs.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u**
**L-Avukat Generali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat il-15 ta' Jannar, 2015, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi fl-1981 kienet ittiehdet il-procedura kriminali hemm indikata kontra tieghu talli bena *“boat house”* minghajr il-permess tal-P.A.P.B., (ara foll 1);

1.2. Illi dejjem sostna li kien bniha skont il-ligi;

1.3. Illi l-procedura in dizamina damet ghaddejja aktar minn tletin (30) sena u kienet finalment ceduta fl-udjenza tal-11 ta’ Gunju, 2012, *stante* li irrizulta li ma kien hemm l-ebda ksur tal-permess in dizamina;

1.4. Illi tul il-kawza l-prosekuzzjoni qatt ma gabet provi;

1.5. Illi ghalhekk dam dan il-perjodu kollu bi procedura ta’ natura kriminali inkombenti fuqu, liema procedura kienet tikkagunalu inkwiet, ansjeta` u inkonvenjenzi kbar;

1.6. Illi *nonostante* ic-cessjoni fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt tlieta, (1.3.), aktar qabel), rega’ gie imharrek biex iwiegeb ghall-istess akkuza fl-20 t’Ottubru, 2014;

1.7. Illi din it-tieni procedura kienet wahda abbusiva *stante* li l-kawza precedenti fuq l-istess fatti kienet gia` giet ceduta aktar minn sentejn (2) qabel;

1.8. Illi qatt m’inghata spjegazzjoni ghal dan;

1.9. Illi ghalhekk, tenut kont ta’ dan il-perjodu ta’ zmien kollu involut gie imcahhad mid-dritt ghall-process fi zmien ragonevoli, bi ksur tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, (minn issa msejha l-Konvenzjoni), u l-artiklu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, (minn issa msejha l-Kostituzzjoni);

1.10. Illi in vista tal-premess adixxa din il-qorti u talab li din:

1.10.1. Tiddikjara li l-proceduri kriminali fuq riferiti jikkostitwixxu ksur tad-dritt fundamentali tieghu kif sanciti mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, u l-artiklu 39(1) tal-Kostituzzjoni;

1.10.2. Tillikwida kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti;

1.10.3. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, ihallsu l-kumpens hekk likwidat lir-rikorrenti;

1.10.4. Taghti dawk l-ordnijiet li tqis xierqa u opportuni;

1.10.5. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta tal-intimati datata l-11 ta' Frar, 2015, li permezz taghha rrispondew sintetikament is-segwenti:

2.1. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.2. Illi l-intimat Kummissarju tal-Pulizija mhux il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni odjerna *ai termini* tal-artiklu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.3. Illi lanqas l-intimat Avukat Generali mhu il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni odjerna *ai termini* wkoll tal-artiklu 181B tal-Kap 12 fuq riferit;

2.4. Illi mill-atti tal-process kriminali in dizamina ma jirrizulta l-ebda agir abbusiv mill-intimati;

2.5. Illi l-fatti konnessi mal-istess process kriminali mhumiex imputabbli lill-intimati, u ghalhekk m'hemm l-ebda lok ghall-rimedju jew kumpens;

2.6. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

2.7. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

2.8. Salv risposti ulterjuri;

3. Rat id-digriet taghha datat it-18 ta' Marzu, 2015, (ara foll 118), li permezz tieghu, wara li rat ir-rikors tal-intimati datat is-6 ta' Marzu, 2015, (ara foll 110), u ir-risposta tar-rikorrenti datata t-13 ta' Marzu, 2015, (ara foll 116), awtorizzat lill-intimati biex jipprezentaw risposta preliminari ulterjuri;

4.0. Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimati datata s-6 t'April, 2015, (ara foll 119), li permezz taghha ssottomettew is-segwenti:

4.1. Illi r-rikorrenti m'ezawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalih;

4.2. Illi ghalhekk il-qorti ghandha tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti;

4.3. Illi r-rikorrenti kellu r-rimedju li jintavola azzjoni ghad-danni fil-konfront tal-awtorita` li pprocediet bl-akkuzi kriminali kontra tieghu;

4.4. Illi ghalhekk jitolbu li din il-qorti tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors promotur;

5. Rat id-digriet taghha datat is-6 t'April, 2016, li permezz tieghu, wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jiddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar x'jipproducu, u wara talba appozita fir-rigward, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 158);

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*;

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata d-9 ta' Mejju, 2016, (ara foll 162), flimkien ma dik sottomessa mill-intimati, datata l-15 ta' Gunju, 2016, (ara foll 173);

9. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

10.1. Illi fl-1980 ir-rikorrenti kien xtara *"boat house"* f'Santa Marija *Estate*, il-Mellieha, (ara foll 124);

10.2. Illi diversi *"boat houses"* ohra inxtraw fl-istess post u fl-istess gurnata minn sidien ohra;

10.3. Illi l-permessi ghall-*“boat houses”* kollha involuti kien applika ghalihom perit iehor, izda r-rikorrenti, bhala perit, kien intalab mis-sidien biex jibni l-*“boat houses”* kollha, (ara foll 124);

10.4. Illi l-kostruzzjoni in dizamina inbdiet fl-1981, (ara foll 124);

10.5. Illi meta l-kostruzzjoni *de quo* kienet terminata, s-sidien kollha tal-istess, inkluz ir-rikorrenti, ircevew citazzjoni allegatament *stante* li ma bnewx l-istess skont il-permess tal-P.A.P.B., (ara foll 124);

10.6. Illi in effetti, il-procedura in dizamina li nbdiet kontra r-rikorrenti kienet inbdiet fis-27 ta’ Jannar, 1982, (ara foll 19);

10.7. Illi jirrizulta li l-istess procedura, flimkien mal-proceduri l-ohra kondotti kontra s-sidien l-ohra tal-*“boat houses”* in dizamina, gew irtirati mir-rapprezentant tal-MEPA fl-udjenza tal-11 ta’ Gunju, 2012, (ara foll 106);

10.8. Illi sussegwentement ir-rikorrenti kien rega’ gie imharrek ghall-istess akkuzi precedentement indirizzati kontra tieghu biex jidher fil-qorti appozita fl-udjenza datata l-20 t’Ottubru, 2014, (ara foll 161);

10.9. Illi jirrizulta li din it-tieni procedura mehuda kontra r-rikorrenti:

10.9.1. La qatt giet rikjamata, (ara foll 161);

10.9.2. Lanqas kienet tidher fuq il-lista tal-kawzi tal-gurnata li fiha kienet appuntatat skont l-avviz tas-smigh, (ara foll 130, 138 u 161);

10.10. Illi in vista tal-premess jirrizulta pacifiku li r-rikorrenti beda jirrinfaccja tali proceduri fis-27 ta’ Jannar, 1982, (ara foll 19), li baqghu jigu protratti kif fuq indikat sal- 20 t’Ottubru, 2014, (ara foll 161);

10.11. Illi l-istess proceduri jirrizultaw li kienu inutilment u illegittimament inizzjati, u dan ghaliex:

10.11.1. Tal-ewwel: gew irtirati fil-11 ta' Gunju, 2012, (ara foll 106);

10.11.2. Tal-ahhar: gew inizjati erronjament mill-prosekuzzjoni fuq zball fl-*emails* tal-ufficcjal prosekutur, (ara foll 142);

Ikkunsidrat:

11.0. Illi essenzjalment il-procedura odjerna tirrigwarda l-ilment tar-rikorrenti li ghal tlieta u tletin (33) sena shah hu kien kostrett jissubixxi procedura ta' natura kriminali meta:

11.1. Mhux biss kien innocenti fir-rigward tal-akkuzi dedotti kontra tieghu;

11.2. Kien ukoll inutilment thalla ghal dan it-tul kollu ta' zmien taht din l-ombra kerha, *molto piu`* tenut kont tal-professjoni tieghu;

11.3. Illi wara li kien minghalih halla din is-saga hekk twila warajh meta l-proceduri originali inizjati fil-konfront tieghu kienu ceduti, l-prosekuzzjoni ghazlet inutilment li terga' tintavola avviz iehor kontra tieghu;

Ikkunsidrat:

12. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li z-zmien li fih ir-rikorrenti dam taht id-dell ta' dawn il-proceduri kien wiehed ezageratament twil;

13. Illi tali dewmien ezagerat ovvjament jilledi d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghall-smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif determinat mill-Konvenzjoni u mill-Kostituzzjoni;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi l-intimat ***Kummissarju tal-Pulizija*** jissoleva l-eccezzjoni li huwa ***mhuwiex il-legittimu kontradittur*** ghall-procedura odjerna, u ghalhekk f'dan ir-rigward jinghad is-segwenti:

14.1. Illi l-proceduri inkriminati t-tnejn ttiehdu quddiem il-Qorti tal-Magistrati;

14.2. Illi f'dawn il-proceduri l-prosekuzzjoni tal-azzjoni kriminali kienet immexxija mill-Pulizija;

14.3. Illi pero` l-istess prosekuzzjoni tinizzja l-procedura in dizamina fuq struzzjonijiet moghtija lilha mid-dipartiment ikkoncernat;

15. Illi peress li l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda t-tul tal-azzjoni kriminali in dizamina, liema azzjoni hi mmexxija mill-Pulizija, allura l-istess ghandhom ghal xiex iwiegbu ghad-dewmien ezagerat riskontrat;

16. Illi konsegwenza tal-istess post l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija hu f'din il-kawza *stante*, li finalment, hu l-persuna li hi responsabbli ghall-istess agir tas-subalterni tieghu;

**DECIDE: Eccezzjoni Preliminari**

17. Illi ghaldaqstant din l-eccezzjoni preliminari tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi l-ko-intimat ***Avukat Generali*** wkoll jissolleva din l-istess eccezzjoni preliminari li fil-konfront tat-talbiet tar-rikorrenti hu ***mhux il-legittimu kontradittur***, u ghalhekk f'dan ir-rigward jinghad is-segwenti:

18.1. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Raymond u Geraldine konjugi Cassar Torreggiani vs. Avukat Generali et*** datata s-***27 ta' Settembru, 2012***, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** qalet is-segwenti:

"Illi l-kwistjoni ta' min huwa l-legittimu kontradittur xieraq f'azzjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali tmur lil hinn mill-kwistjoni tal-interess guridiku tal-parti. Il-qofol tal-azzjoni ta' lment dwar ksur ta' jedd fundamentali huwa l-ghoti ta' rimedju xieraq ghal tali ksur, minbarra s-sejbien fih innifsu tal-ksur;

"Illi l-qorti tqis l-kwistjoni ta' min ghandu jwiegeb ghal xilja ta' ksur ta' jedd fundamentali tintrabat sewwa mall-ghamla tal-ksur u wkoll mall-ghamla ta' rimedju li jista' jinghata";

18.2. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-intimat Avukat Generali ma jistax ma jkunx fil-posizzjoni ta' intimat f'din il-procedura, u dan, minhabba l-fatt li l-istess intimat *de quo* jista' jaghmel tajjeb ghar-rimedju mistenni mir-rikorrenti ghall-ksur tad-drittijiet konvenzjonali u Kostituzzjonali tieghu;

**DECIDE: Eccezzjoni Preliminari**

19. Illi ghaldaqstant din l-eccezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Generali ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi rigward l-eccezzjoni preliminari ulterjuri sollevata mill-intimati, (ara foll 110 u paragrafu numru erbgha, (4.), aktar qabel), jinghad sintetikament is-segwenti;

20.1. Illi l-intimati hawn jeccepixxu n-nuqqas t'ezawriment tar-rimedju ordinarju daparti tar-rikorrenti;

20.2. Illi f'dan ir-rigward jigi sottolineat li kien hemm evoluzzjoni fil-gurisprudenza u l-*sparti acque* hi s-sentenza tal-***Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*** fl-ismijiet ***Brincat vs. Malta***, datata l-***24 ta' Lulju, 2014***;

20.3. Illi sa qabel din id-decizjioni indikata fil-paragrafu precedenti, l-qrati lokali kienu jsostnu li r-rimedju ta' natura kostituzzjonali hu wiehed straordinarju li ghandu jigi utilizzat unikament meta l-ligi ordinarja ma tkunx

bizzejjed biex thares u tittutela id-drittijiet fundamentali involuti;

20.4. Illi pero`, wara s-sentenza indikata fil-paragrafu immedjatament ta' qabel dak precedenti, l-posizzjoni fir-rigward inbidlet;

20.5. Illi fil-kawza fuq riferita tal-qorti ta' Strasburgu kien osservat li bl-intavolar ta' procedura wahda, senjatament dik ta' natura kostituzzjonali, minflok tnejn, senjatament dik ordinarja u sussegwentement dik kostituzzjonali, effettivament jigi servut il-principju tal-ekonomija tal-gudizzju *stante* li l-procedura kostituzzjonali fiha nnifisha tkopri dak li ssejjah il-*"full range of redress"*;

20.6. Illi ghalhekk, fil-kawza in dizamina, l-istess qorti cahdet l-oggezzjoni komunement rilevat mill-intimat il-Gvern ta' Malta li ma jkunx hemm lok ghall-procedura kostituzzjonali kemm- il darba ma jkunx precedentement gie ezawrit ir-rimedju ordinarju;

20.7. Illi ovvjament, ghalkemm fl-ordinament guridiku lokali ma jezistix il-principju tal-precedent, id-decizjonijiet u l-insenjament tal-imsemmija qorti ta' Strasburgu ghandha *gravitas* kbir li ma jigix facilment injorat;

20.8. Illi tenut kont tal-istess, il-qorti lokali bdew ghalhekk jaghtu kaz ta' din l-evoluzzjoni legali riskontrata u konsegwentement bdew jagixxu fid-dawl ta' dan l-insenjament u zvilupp fir-rigward ta' din l-eccezzjoni dwar in-nuqqas t'ezawriment tar-rimedji ordinarji;

20.9. Illi f'dan id-dawl issir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti Kostituzzjonali*** fl-ismijiet ***George Spiteri et vs. Policy Manager tal-Malta Shipyards,*** datata s-***27 ta' Marzu, 2015***, fejn irriteniet li:

> "... tenut kont tal-konkluzjonijiet raggunti fis-sentenza msemmija ta' ***Brincat and Others vs. Malta*** din il-qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi kif issa zviluppaw mhux aktar deziderabbli li l-qrati kostituzzjonali jirrifjutaw li jezercitaw is-setghat taghhom kif previst fl-artikli 46(2) tal-Kostituzzjoni u

4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta minkejja r-rimedji li indubitament kellhom ghad-disposizzjoni taghhom ir-rikorrenti appellanti";

20.10. Illi f'dan ir-rigward l-intimat Avukat Generali jilmenta ukoll mill-fatt li fl-azzjoni odjerna intrapriza mir-rikorrenti qieghed ihoss li l-ilment tal-istess hu ibbazat fuq procedura vessatorja mehuda mill-intimati fil-konfront tar-rikorrenti;

20.11. Illi pero` ghandu jkun pacifiku li in effetti l-ilment tar-rikorrenti hu bbazat fuq id-dilungar ezagerat tal-procedura kkoncernata, li rizultat tal-istess, r-rikorrenti gie mcahhad mid-drittijiet tieghu fuq gia` riferiti;

**DECIDE: Eccezzjoni Preliminari Ulterjuri:**

21. Illi ghaldaqstant din l-eccezzjoni preliminari ulterjuri tal-intimati ghandha tigi wkoll respinta;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi rigward il-**mertu** tal-procedura inizjata mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

22.1. Illi l-lanjanza tar-rikorrenti tirrigwarda il-ksur tad-dritt tieghu ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni;

22.2. Illi jigi immedjatament ribadit f'dan ir-rigward li la l-gurisprudenza lokali u lanqas dik tal-Qorti Ewropea *de quo* ma jistabbilixxu termini rigidi *ex ante* li permezz tieghu jistabbilixxu l-limiti tat-terminu "zmien xieraq jew ragonevoli";

Ikkunsidrat:

23. Illi f'dan ir-rigward il-***Harris, O'Boyle & Warbrick*** fl-opus taghhom *"Law of the European Convention on Human Rights"*, Second Edition, 2009, p. 201, jghidu s-segwenti:

"The Court, (b'referenza ghall-qorti ta' Strasburgu), has stressed that the right to a fair trial holds so prominent a place in a democratic society that there can be no justification for interpreting article 6(1) of the Convention restrictively" (***Perez vs. France – 2004-1; 40 EHRR 909 para. 64 GC)***;

24. Illi f'pagna 202 l-istess awturi indikati fil-paragrafu precedenti jghidu s-segwenti:

"The Court also allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate... A consequence of this is that in certain contexts the provisions of article 6 are as much obligations of results as of conduct, with national courts being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial".

25. Illi f'pagna 204 tal-istess opus ikomplu:

"In some contexts a breach of article 6 will only be found to have occurred upon proof of *"actual prejudice"* of the applicant";

26. Illi f'pagna 224 jinghad is-segwenti:

"Article 6 does not control the content of a state's national law; it is only a procedural guarantee of a right to a fair hearing in the determination of whatever legal rights and obligations a state chooses to provide in its law";

27. Illi l-awturi **Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn u Leo Zwaak** fil-ktieb taghhom *"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights", Fourth Edition,* 2006, p. 578, jaghmlu s-segwenti analizi:

"When is a hearing fair ? In the *Kraska* Case, (sentenza taz-19 t'April, 1993), the Court took as a starting point that the purpose of article 6 is *inter alia*:

> "To place the tribunal under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision".

28. Illi f'pagna 602 jghidu s-segwenti:

> "The purpose of the reasonable-time requirement of article 6(1) however is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil-law postion";

29. Illi f'pagna 607 tal-istess ikomplu:

> "... only delays attributable to the state may cause a violation of the reasonable-time requirement. In particular the efforts the judicial authorities have made to expedite the proceedings as much as possible are an important factor";

Ikkunsidrat:

30. Illi ghandu jkun pacifiku li biex jigi gudizzjarjament stabbilit jekk kienx hemm dewmien esagerat u irragjonevoli, kull kaz irid jigi analizzat *singulatim* fuq il-mertu tieghu stess;

31. Illi kif irriteniet il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)***, fil-kawza fl-ismijiet ***Francis Said vs. L-Avukat Generali***, datata s-***6 ta' Mejju, 2009***:

> "Huwa diskrezzjonali fil-gudikant li wara li jezamina l-fatti tal-kaz jara u jevalwa jekk iz-zmien dekors kienx accettabbli f'socjeta` demokratika";

32. Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Boddaert vs. Belgium*** datata t-***22 ta' Settembru, 1992,*** il-***Qorti Ewropea*** fuq riferita irriteniet li:

> "The reasonableness of the length of proceedings is to be determined with reference to the criteria laid down in the Court's case-law and in the

light of the circumstances of the case, which in this instance call for an overall assessment";

33. Illi fid-dawl tal-istess allura jirrizulta essenzjali li l-procedura li minnha qieghed isir l-ilment ghandha tigi ezaminata fl-assjem taghha fis-sens li ghandhom jitqiesu l-fattispeci u c-cirkostanza partikolari kollha tal-kaz;

Ikkunsidrat:

34. Illi meta tigi biex tkun determinata r-ragjonevolezza tal-perjodu mehud fil-proceduri in dizamina l-istess ***Van Dijk u Van Hoof*** fil-ktieb bl-istess isem fuq indikat, (ara paragrafu numru seba' u ghoxrin, (27.), aktar qabel, it-***Tielet Edizzjoni***, **p. 446** jistabbilixxu s-segwenti:

> "When assessing the reasonableness of the relevant period the Court applies, according to established case-law, in particular three criteria: the complexity of the case, the conduct of the applicant and the conduct of the relevant authorities. Only delays attributable to the State may cause a violation of the reasonable-time requirement", (ara ***Vermillo***, A. 198, p. 13, datata l-***20 ta' Frar, 1991***; u ***Pierazzini***, A. 231-C, p. 30, datata is-***27 ta' Frar, 1992***);

Ikkunsidrat:

35.0. Illi fid-dawl tas-suespost ser issa jigu analizzati dawn it-tliet (3) principji hekk stabbiliti fid-dawl tal-proceduri hawn in dizamina u mertu proprju tal-vertenza odjerna:

A. **Il-Komplessita` tal-Kawza:**

35.1. Illi l-kawza originali li tat bidu ghall-procedura in dizamina hi naxxenti mill-Avviz datat is-27 ta' Jannar, 1982, ikkonsenjat lir-rikorrenti li bih kien akkuzat li bena minghajr il-permess mehtieg tal-P.A.P.B. (ara foll 19);

35.2. Illi jirrizulta assodat li din il-kawza ma kien fiha xejn li wiehed b'xi mod kien jista' jikkunsidraha bhala kawza ta' natura komplessa;

35.3. Illi hu minnu li tul il-procedura inhatru perit legali u perit tekniku, (ara foll 23 u 86), biex jassisstu lill-qorti, pero` *nonostante* dan xorta wahda ma jistax jitqies li l-procedura in dizamina kienet b'xi mod komplessa;

B. **Il-Kondotta tal-Partijiet fil-Kawza:**

35.4. Illi ghalkemm l-atti tal-process kondott fil-Qorti tal-Magistrati gie ipprezentat *in atti* pero`, dan ma jistax jinghad li gie ipprezentat fl-interezza tieghu, (ara foll 18 *et sequitur*);

35.5. Illi *nonostante* dan hemm dokumentazzjoni bizzejjed li permezz taghha wiehed xorta wahda jiehu idea car ta' kif kienet kondotta l-procedura li kienet tigi kondotta f'seduta apposta komunement maghrufa bhala s-*Seduta tal-P.A.P.B*;

35.6. Illi jirrizulta li effettivament tul is-snin tal-procedura kriminali in dizamina, r-rikorrenti hemm akkuzat, jirrizulta li m'attendiex ghal xi seduti, (ara foll 20, 21, 38, 57, 101, 102 u 103);

35.7. Illi pero` meta l-istess jigu ipparagunati man-numru ezigwu ta' seduti li inzammu tul is-snin, in-numru zghir li l-istess rikorrenti akkuzat tilef jidhru verament insinifikanti;

35.8. Illi *di piu`*, tul dan iz-zmien kollu l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda provi, (ara foll 1 u 125);

35.9. Illi fid-dawl tal-istess ma jistax jinghad li d-dewmien riskontrat kien dovut ghal xi nuqqas imputabbli lir-rikorrenti;

35.10. Illi ghalhekk jirrizulta li d-dewmien ezagerat riskontrat hu effettivament attribwibbli lill-Istat;

C. **Il-kondotta tal-Awtorita` Rilevanti:**

35.11. Illi b'dan il-kap wiehed jifhem li hawn si tratta tal-kondotta tal-awtorita` gudizzjarja li kienet responsabbli bit-tmexxija tal-process in dizamina;

35.12. Illi f'dan l-istadju jigi rilevat biss is-segwenti:

35.12.1. Illi l-process kriminali inbeda fis-27 ta' Jannar, 1982, (ara foll 19);

35.12.2. Illi l-kawza kienet ceduta mill-prosekuzzjoni fl-udjenza tal-11 ta' Gunju, 2012, (ara foll 106);

35.12.3. Illi *nonostante* l-imsemmija cessjoni, ir-rikorrenti rega' gie imharrek bl-istess imputazzjoni fl-20 t'Ottubru, 2014, (ara foll 2 u 125);

35.13. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet ***Anthony Camilleri et vs. Avukat Generali*** datata t-***22 ta' Marzu, 2012***, li permezz taghha l-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** affermat is-segwenti meta kkwotat il-kawza tal-***Qorti Ewropea*** fl-ismijiet ***Boddaert vs. Belgium***, (ara paragrafu numru tnejn u tletin, (32.) aktar qabel):

"... whether the state allowed the proceedings to stagnate refraining from taking any substantial procedural measures for a considerable amount of time ... or whether the system itself could be the object of criticism for displaying inherent features which inhibit the speedy conclusion of cases ... the conduct of the authorities has to be consistent with the fair balance which has to be struck between the requirement that judicial proceedings be expeditious and the principle of the proper administration of justice";

Ikkunsidrat:

36. Illi minn ezami tal-atti prodotti jirrizulta assodat li z-zewg proceduri in dizamina li bdew fl-1982 u gew terminati fl-2014, hadu aktar minn tnejn u tletin (32) sena;

37. Illi *di piu`*, minn ezami tal-istess proceduri, ghalkemm parzjali, u anke mix-xhieda prodotta u mhux kontradetta in kontroezami, (ara foll 133 u 134), jirrizulta li fis-seduti mizmuma kemm quddiem l-esperti fuq riferiti u quddiem l-istess qorti li minn zmien ghal zmien kienet tikkonduci l-procedura, **"... ma kien isir prattikament xejn"**, (ara foll 133);

Ikkunsidrat:

38. Illi tenut kont tar-rizultanzi fuq esposti rigwardanti l-konduzzjoni tal-kawzi in dizamina, ghandu jkun pacifiku li d-dewmien riskontrat hu difficilment gustifikabbli;

39. Illi l-agir hekk riskontrat jirrivela ghalhekk nuqqas palesi ta' rispett lejn il-principju sanzjonat fl-imsemmija Konvenzjoni u Kostituzzjoni ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli;

40. Illi ghalhekk, jirrizulta abbundantement assodat li fil-proceduri in dizamina d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq kif protett mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u mill-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni gie miksur bi kbir;

41. Illi jinghad ukoll bi kjarezza u b'monitu biex dan l-agir ma jibqax jigi pperpetrat, li l-ksur tad-drittijiet fundamentali riskontrati sehhew unikament tort u htija tal-inerzja riskonstrata fit-tmexxija kurjali li hi wahedha obbligata tara li l-process ma jipprokrastinax biex b'hekk dan id-dritt fundamentali jigi rispettat;

42.0. Illi f'dan ir-rigward ara wkoll is-segwenti sentenzi:

42.1. ***Central Mediterranean Development Corporation Limited vs. Avukat Generali***, ***Qorti Kostituzzjonali,*** datata t-***8 ta' Mejju, 2003***;

42.2. ***Xuereb vs. Registratur tal-Qrati et***, ***Qorti Kostituzzjonali***, datata t-***8 ta' Novembru, 2004***;

42.3. ***Manduca vs. Onorevoli Prim Ministru***, ***Qorti Kostituzzjonali,*** datata t-***23 ta' Jannar, 1995***;

**DECIDE:**

43. Illi ghalhekk, in vista tal-premess, il-hames eccezzjoni sollevata mill-intimati ghandha wkoll tigi respinta;

Ikkunsidrat:

44.0. Illi fir-rigward tar-**rimedju** mitlub ghalhekk mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

44.1. Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***John Bugeja vs. l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija***, datata l-***11 t'Awwissu, 2003***, il-***Qorti Kostituzzjonali*** qalet is-segwenti:

> "Fejn *si tratta* ta' materja tad-drittijiet intrinsici u fundamentali tal-bniedem kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem jitkellmu car. Il-Qorti ghandha taghti kwalsiasi ordni jew direttiva sabiex tassigura li l-parti leza tottjeni rimedju verament effikaci, adegwat u effettiv".

44.2. Illi proceduri dilatorji, bhal dawk in dizamina li jidher li l-ezistenza taghhom ittawlet inutilment minghajr ma kien jigi registrat xi forma ta' progress seduta wara seduta, zgur li kienu kagun tal-lanqas, ta' stat ta' incertezza f'mohh ir-rikorrenti, li thalla b'din il-preokkupazzjoni serja ta' procedura kriminali akkollata mieghu ghal kwazi nofs l-ezistenza terrena tieghu;

44.3. Illi ghandu jkun pacifiku li dan mhux tollerabbli;

44.4. Illi ghalhekk, in vista tal-istess, bil-ghan li tittaffa b'xi mod din il-makkja morali inflitta fuq l-istess rikorrenti, tistabbilixxi l-ammont ta' hamest elef euro, (€5,000.00), f'danni morali bhala ammont gust u ragjonevoli;

**DECIDE:**

44.5. Illi b'dan il-mod ghalhekk, anke s-sitt (6) eccezzjoni sollevata mill-intimati ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

45.0. Illi in vista tal-assjem fuq riprodott, din il-qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti pprova t-talbiet kollha tieghu dedotti fil-konfront tal-intimati, u konsegwentement:

**DECIDE:**

45.1. Tiddikjara li gie lez id-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli kif sancit fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni:

45.2. Tirrespingi r-risposti kollha, inkluza dik ulterjuri sollevata mill-intimati;

45.3. Takkolji t-talbiet kollha intavolati mir-rikorrenti;

45.4. Tillikwida il-kumpens hekk dovut lir-rikorrenti mill-intimati *in solidum* fl-ammont ta' hamest elef euro, (€5,000.00);

45.5. Tikkundanna lill-istess intimati *in solidum* biex ihallsu l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti;

45.6. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimati.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**